# IC-CELEBRAZZJONIJIET TAL-GIMGHA MQADDSA GEWWA.............

# VALENZANO

37



Huwa Pasquale Lozupone propjetarju ta' din l-istatwa li huwa wiret minghand buznannuh Francesco. Hija statwa antika infatti ghandha zmien sa mill-bidu tal-1900 u mill-istil taghha hija attibwita lill iskola tal-Bruno. Hija l-unika statwa li fiha z-ziemel.



Rocco Nikola Lamanna huwa l-propjetarju ta' din l-istatwa mahduma mill-Imghallem Bovelacci minn Bitritto fis-sena 2002. Harget ghal-ewwel darba fis-sena 2003.




Michele Cascarano huwa sid din l-istatwa li wiret minghand missieru u minghand nannuh Michele.  Mahduma mill-Imghallem Bruno gewwa Lecce fis-sena 1924 giet restawrata fis-sena 1983.



Antonio Lucente li huwa l-propjetarju ta' din l-istatwa wiritha minghand missieru Emanuele u n-nanniet Antonio u Domenicangela Brandonisio li kienu huma li kkumissjonaw din l-istatwa. Probabilment din l-istatwa hija xoghol ta' l-imghallem Bruno minn Lecce.  Giet restawrata fis-sena 1980.



Propjetarju ta' din l-istatwa huwa Andrea Cimarrusti li wiritha minghand missieru Vito  u nannuh Andrea.  Il-misteru huwa xoghol ta' l-Imghallem Giovanni Bruno minn Lecce.



Pasqualina Diana wirtet din l-istatwa minghand missierha.  Giet mahduma mill-Imghallem Bruno gewwa Bari.  Aktar tard matul is-snin giet restawrata.



Matilde Falagario Martucci hija l-propjetarja ta' dan il-misteru. Huwa wirt ta' zewgha Nicola Martucci li ommu, il-mara tal-baruni Martucci ikummissjonat din l-istatwa.

Inhadmet mill-Imghallem Sacquegna gewwa Lecce fis-sena 1947 u giet restawrata fis-sena 1996.



Il-vara ta' Kristu mejjet hija propjeta tal-Parrocca ta' Santa Marija ta' San Luqa.

Huwa l-aktar misteru antik ta' din il-processjoni mahdum probabilment mill Imghallem Pietro Surgente.



Nikola Pedone huwa sid din il-vara. Inhadmet fis-sena 1986 mill-Imghallem Capoccia.



Propjetarju ta' din l-istatwa huwa Luigi De Bellis li wiritha minghand il-ġenituri tieghu Antonio u Maria.  Imhadmet mill-Imghallem Errico ta' Lecce fis-sena 1929.

47.



Din il-vara hija propjeta' tal-Parrocca ta' Santu Rokku u tiehu hsiebha il-Konfraternita' ta' l-Addolorata. Filwaqt li l-misteri li jiehdu sehem fil-prucissjoni huma kollha mahduma fil-kartapesta, l-Addolorata hija manikin ta' l-injam imlibbes . Din il-vara ghandha l-origini taghha bejn wiehed u iehor fis-sena 1820.




Darba jkunu hargu l-misteri kollha, allura issa jmiss li jingarr il-Kurcifiss, opra maghrufa ta' l-arti Ortisei (Bolzano), ikkumissjonata mill-familja De Florio fis-sena 1977 biex isehh ix-xewqa ta' Francesco De Florio. Inghata bhala don lill-Knisja ta' Santu Rokku; danis-salib jingarr minn xi sacerdot jew persuna lajka, bosta drabi, ikun is-Sindku tal-lokal. L-istess familja tiehu hsieb li quddiem dan il-Kurcifiss jingarru bukketi tal-fjuri mit-tfal.



Wara l-Kurcifiss tingarr ir-relikwija tas-Salib Imqaddes taht baldakkin u incensat matul it-triq.